**30 ta' Ġunju 1965**

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Anni Cuschieri et

*versus*

Paolo Vella noe

**Provi — Depożizzjoni — Referenza għall-provi fi proċess ċivili ieħor — Ġudikat — Forma art. 576, 693 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-riferenza għall-provi fil-proċessi kriminali mhix permessa mingħajr il-kunsens tal-kontroparti.*

*L-atti u d-dokumenti eżistenti fir-Reġistru u fl-Arkivju tal-Qorti, bħala atti tal-Qorti u faċilment aċċessibbili, u komprizi l-provi dokumentali eżistenti fi proċediment penali, m'hemmx bżonn li jiġu formalment esibiti, imma hija biżżejjed riferenza għalihom.*

*Tista' ssir riferenza għal deposizzjoni ta' xhud fi proċess ieħor jekk ikun hemm l-adezjoni tal-kontroparti u tal-Qorti. Però din l-adezjoni ma hix neċessarja f'każ ta' depożizzjoni ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża.*

*Ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħudin bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definittiv.*

*il-liġi ma tippreskrivi l-ebda forma speċjali ta' kif għandha ssir ir-riferenza għall-provi fil-proċess l-ieħor.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi—premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa;

Peress illi l-imsemmi Saverio Vella kellu mqabbel għandu raba' msejjaħ "Tal-Pwales" li minnu jagħmel in-Nobbli Lino Testaferrata Bonici;

Peress illi l-istess Saverio Vella telaq l-istess raba u dana ġie mqabbel lill-atturi b'effett minn Santa Maria li għaddiet;

Peress illi meta l-instanti marru biex jidħlu fl-istess raba' u fil-fatt laħqu wkoll żergħu xi ħaġa, ġew milqugħin milli jidħlu fl-istess raba mill-imsemmi Saverio Vella jew xi ħadd imqabbad minnu;

U peress illi b'dana l-mod l-instanti ma setgħux jieħdu mill-istess raba' l-uċuħ li ħaqqhom u tilfu wkoll ix-xogħol u żergħa li laħqu taw fl-istess raba kif wkoll ibatu għal xejn il-qbiela sakemm huma jkunu jistgħu jidħlu fir-raba in kwistjoni u jagħmlu użu minnu kif imiss; —

Talbu li jiġi minn dina l-Qorti dikjarat u deċiż li l-imsemmi Saverio Vella huwa responsabbli ta' danni lejn l-attriċi minħabba l-aġir tiegħu illegali fuq imsemmi u l-istess konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lill-instanti in linea ta' danni dak l-ammont li jiġi likwidat favur tagħhom minn dina l-istess Qorti okkorrendo b'opra ta' periti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-2 ta' Novembru 1954.

OMISSIS:

Rat il-verbal ta' l-udjenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, u 8 ta' Ġunju, 1965, li minnhom jirriżulta li wara li l-kawża,

in vista ta' ridistribuzzjoni waslet quddiem din il-Qorti kif hawn presjeduta u ġiet trattata mid-difensuri, it-trattazzjoni tad-difensur tal-attriċi saret fuq il-bażi li r-riferenza għall-provi fil-kawża "Wisq Nobbli Baruni Lino Testaferrata Bonici nomine et vs Saverio Vella" (Ċitaz. Nru. 748/1954) deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 1959, kellha tittieħed bħalli kieku saret regolarment, salva però r-riserva magħmula f'dan ir-rigward mid-difensuri tal-konvenut nomine;

Rat il-kopja tas-sentenza fl-imsemmija kawża esibita b'nota ta' l-attriċi fl-udjenza tat-28 ta' April, 1965;

Rat l-atti tal-imsemmija kawża għall-finijiet tad-deposizzjoni tal-konvenut Saverio Vella mogħtija fl-Awstralja permezz tar-rogatorji (fol. 114 tal-proċess) relativ;

OMISSIS:

Illi barra minn dan il-perit legali, fir-relazzjoni attenta tiegħu, ġieb sew quddiem il-Qorti l-punti ta' fatt u ta' dritt kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ. Huwa ssolleva l-ewwelnett żewġ kwistjonijiet partikolari, ċioè (a) li l-kawżali dedotta fiċ-ċitazzjoni timporta "molestia di fatto" u mhux "di diritto", u (b) li mill-kompless ta' l-atti proċedurali huwa ma ħassux awtorizzat, ħlief għad-deposizzjoni tal-konvenut Saverio Vella meħuda bir-rogatorji u fuq imsemmija, jieħu in konsiderazzjoni l-provi miġbura fil-kawża deċiża fil-15 ta' Ottubru, 1959 (Ċitaz. Nru. 748/54), li għall-aħjar konvenjenza, sejra minn hawn 'il quddiem tiġi riferita sempliċiment bħala "il-kawża ta' sgumbrament". Wara li ssolleva dawn il-kwistjonijiet preliminari, għadda biex jirrelata li l-konvenut Saverio Vella m'għandux jiġi ritenut responsabbli għad-danni msemmija fiċ-ċitazzjoni u għall-kawżali hemm dedotta.

Illi r-raġunijiet msemmija mill-perit legali għall-konkluż-

*żjonijiet* tiegħu fil-meritu huma fil-qosor dawn:—

OMISSIS:

*Illi* fit-*trattazzjoni* tiegħu d-difensur tal-attriċi iddikjara li huwa jaqbel, in vista tal-kontenut taċ-ċitazzjoni, li l-kwistjoni tal-"*molestia di diritto*" teżula minn din il-kawża. Għalhekk dan il-punt mhux kontrovers u m'għandux bżonn deċiżjoni.

*Illi* fl-istess *ħin* id-difensur tal-attriċi baqa' jinsisti sal-aħħar *li* l-"*molesta di fatto*", kif imsemmija fiċ-ċitazzjoni, tirriżulta tant mid-deposizzjoni tal-konvenut fl-Awstralja kemm mis-sentenza *fil-*kawża tal-iżgumbrament.

Illi l-argumenti *difenzjonali* tal-attriċi, kif jirriżulta mill-verbal, ġew avanzati fuq il-bażi li f'din il-kawża, kienet saret riferenza suffiċjentement regolari, għad-deposizzjoni tal-konvenut bir-rogatorji fil-kawża tal-isgumbrament. Fi kliem oħra huma jieħdu l-posizzjoni *li* mentri l-perit legali għamel sew meta ħa dik id-deposizzjoni in konsiderazzjoni, huwa iddiriga ruħu ħażin fl-applikazzjoni tal-liġi għall-fatti hekk regolati.

Illi minn naħa tiegħu l-konvenut nomine ssottometta fit-trattazzjoni finali li mentri jaqbel mal-konklużjonijiet peritali fil-meritu, ix-xhieda tal-konvenut fl-Awstralja, **stante n-nuqqas ta' kwalunkwe riferenza għaliha, fis-solita forma,** f'din il-kawża, ma għandhiex tiġi aċċettata bħala prova li sservi għal din il-kawża. B'hekk il-partijiet ħadu posizzjoni dijametralment opposta għal xulxin billi la qablu jekk saritx riferenza u lanqas, jekk saret, saritx fid-debita forma. Dan qiegħed jintqal għax, kif turi l-prattika forensika ġjornaliera, l-importazzjoni ta' prova testimonjali minn proċess għall-ieħor, anke jekk it-tnejn ikunu proċessi ċivili, ħafna drabi ssir b'dik l-għaġla li l-pressjoni tal-kawżi tesiġi, u tiddependi ħafna mill-

ispiritu ta' kooperazzjoni tad-difensuri u (aktar rarament) tal-partijiet li *jistruwuhom*, u *forsi fil-present tinsab aktar ibbażata* fuq din il-prattiċità (li min-naħa tagħha kultant tkun ġejja *minn xi* assunzjonijiet gratwiti jew almenu diskutibili) milli fuq veru orjentament xjentifiku.

Illi l-posizzjoni dwar *id-dritt ta' parti f'kawża ċivili*, attur jew konvenut, biex, mingħajr ma toqgħod terġa' tipproduċi xhud, jew fil-każ li jkun residenti f'pajjiż ieħor, mingħajr ma titlob li jirritorna jew jerġa' jinstama permezz ta' ittri rogatorjali, tinqeda **b'sempliċi riferenza** għad-deposizzjoni tiegħu fil-kawża ċivili l-oħra, ma tidherx ċara żżejjed, almenu mar-riċerki li setgħet tagħmel il-Qorti weħedha u fin-nuqqas tat-tqegħid quddiemha ta' *materjali aħjar* jew iżjed esawrienti mid-difensuri, li ma ċċitaw ebda preċedent u ma qablu fuq xejn, lanqas fuq l-idonjetà tal-kompless ta' l-atti ta' din il-kawża bħala riferenza għad-deposizzjoni in kwistjoni. Hawnhekk il-Qorti trid issemmi li hija taqbel mal-perit legali li jekk qatt jista' jingħad li *mir-riservi* ta' dan il-*proċess* jistgħu jinstabu elementi suffiċjenti kostitutivi ta' riferenza — jekk mhux perfetta almenu adegwata mill-attriċi għad-deposizzjoni tal-konvenut Saverio Vella, mogħtija bir-rogatorji fil-kawża tal-iżgumbrament, (salvo mbagħad il-kwistjoni l-oħra tal-adesjoni o meno tal-konvenut) l-istess ċertament *ma jistax jingħad* għall-provi l-oħra testimonjali eżistenti f'dik il-kawża.

Illi l-problema tal-possibilità ta' sempliċi riferenza għall-provi testimonjali eżistenti fi proċess ċivili ieħor jista' jimmerita konsiderazzjoni, kif qalet din il-Qorti in re *M. Ellul* Bonnici vs F. Mercieca, et nomine Kollez. Vol. XXXIV, ii, 490 u iżjed *preċiżament* a paġ. 494.5), biss meta (a) il-partijiet ikunu l-istess, jew almenu t-tnejn ikunu ħadu parti fl-ewwel kawża, biex ikun ġie soddisfatt il-kontradittorju, (b) il-fatt ikun identiku, u (c) ikunu ġew osservati l-forom preskritti mil-liġi għas-smiegħ tax-xhud, u dana kollu jkun dejjem sub-

ordinat għal liberu konvinċiment tat-tieni ġudikant dwar il-kontenut tal-prova. Fl-kawża hekk ċitata din il-Qorti nonostanti l-oppożizzjoni aħiħa tal-konvenuti li kienu riedu nomina ta' perit komputist ġdid, iddeċidiet li, stanti li kien hemm perizja simili f'kawża bejn l-istess partijiet dwar il-ħlas ta' vitalizju mill-amministraturi tal-assi ereditarju tal-Markis Vincenzo Bugeja li kienet twassal sal-bilanċ attiv tas-sena 1931, ma kienx hemm bżonn ta' perizja ġdida fuq id-domanda għall-ħlas ta' vitalizju għas-snin susseġwenti mill-1932 sal-1945. Il-Qorti anzi għamlet dikjarazzjoni forsi "too sweeping" illi "jekk prova testimonjali, perizja, aċċess jew risposti għal subizjoni jkunu jiddimostraw l-eżistenza ta' fattijiet determinati titwieled disputa f'ġudizzju ġdid ir-riżultanzi tal-prova miġbura fil-ġudizzju preċedenti għandhom ikunu attendibili u jistgħu jiġu nvokati bla ma jkun hemm bżonn tar-ripetizzjoni tal-eżami tal-perizja, tal-aċċess jew ta' interrogatorji ġodda". Din hija tabilħaqq il-proposizzjoni ta' liġi li issa trid tiġi eżaminata;

Illi bħala motivazzjoni ta' dik id-deċiżjoni din il-Qorti (kif diversament presjeduta) fl-elaborata sentenza tagħha kienet strahet (a) fuq l-appoġġ tal-liġi tal-Kodiċi "de receptio arbitris" (It. 56 L. 5); (b) fuq il-komment relativ tal-Brunemann (Commentarius in Codicem, Vol. I, paġ. 235, para. 20); (c) fuq is-sentenza antika tal-Onorabbili Qorti tal-Appell tagħna **"Dimech vs Attard"** pubblikata fil-Kollez. Vol. VI, paġ. 140, u (d) fuq il-prinċipju li għandhom jiġu evitati spejjeż żejda u attijiet inutili.

Illi dawn kollha mad-daqqa ta' għajn jidhru argomenti sodi, però fil-fehma rispettuża tal-Qorti kif hawn presjeduta forsi wasal iż-żmien li din il-materja tar-riferenza tal-provi minn proċess ċivili għall-ieħor terġa' tiġi eżaminata mill-angoli kollha għax il-motivazzjonijiet fuq imsemmija mhumiex in fondo perswasivi daqs kemm jistgħu jidhru. Il-Qorti kellha wkoll okkażjoni tosserva li għalkemm fil-prattika r-riferenzi

għall-provi testimonjali qegħdin jitkomplew, mhux il-patroċinaturi kollha jidhru konvinti mill-bażi ġuridika ta' din il-prattika. Ċertament imbagħad ftit jistgħu, fil-liġi, jiġu kkontemplati kwistjonijiet ta' gravità akbar mill-istruzzjoni korretta tal-provi testimonjali.

Illi l-Qorti qegħda tagħmel dina l-enfasi fuq *is-sentenza* fuq imsemmija għax huwa apparenti li din kellha nfluwenza qawwija fil-prattika tar-riferenzi forsi wisq faċili minn proċess għall-ieħor invalsa f'dawn l-aħħar snin, u għaliex kieku kien hemm xi ġurisprudenza profikwa u frekwenti qabel dik *is-sentenza* hija kienet żgur issemmiha, *mentri għal dik li hi* ġurisprudenza lokali (hu hija l-liġi positiva ta' Malta kif modifikata fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li rridu napplikaw) hija ma ssemmiex ħlief sentenza waħda, u ma dan kollu, għalkemm tal-għola Qorti Ċivili, antika, ċioè dik tal-Vol. VI.

Illi mir-riċerki li l-Qorti ppruvat tagħmel jirriżulta wkoll li f'digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 1935 fil-kawża **"Gauci vs Abela nomine"** (vide deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, dwar l-unika parti appellata ta' dan id-degriet, 14 ta' Frar, 1936 Kollez. Vol. XXIX, i, 511) din il-Qorti waqt li kienet qegħda tiddistingwi bejn każ u ieħor, qalet illi "ir-riferenza għall-proċess ċivili hija **ammissibili,** imma n kwantu għall-oħra li tirrigwarda l-provi li saru fil-proċess kriminali, *in relazzjoni* għall-provi testimonjali li jinsabu f'dak il-proċess mhix ammissibili jekk il-konvenut ma jagħtix il-kunsens tiegħu. Imma din il-Qorti bir-rispett jidhrilha li r-riferenza għall-proċessi ċivili f'dan l-pronunzjament tal-1935 li lanqas ma hu tal-Qorti tal-Appell, hija tant fugaċi u tieħu tant "for granted" illi ma għandha ebda effett partikolari perswasiv għax mhix motivata. Għalhekk donnu jidher li sal-1950 ma kienx hemm pronunzjamenti oħra awtorevoli (almenu fost l-ippubblikati) "in subjecta materia" ħlief dawk tal-Vol. XXXIV hawn in desamina u dik tal-Vol. VI fiha ċitata. Jekk kien hemm wara

*dik is-sena dawn ma ġewx quddiem il-Qorti u l-Qorti lanqas* ma tista' aġevolment tkun taf bihom, stante r-ritard notevoli fil-pubblikazzjoni tas-sentenzi, li għandha fil-1956. S'intendi dana qiegħed jingħad mingħajr ma jissemmew il-każijiet frekwenti ta' ammissjoni ta' riferenzi għall-provi testimonjali anki kultant fuq mozzjoni unilaterali biss, li jsiru mingħajr deċiżjonijiet motivati.

Illi mill-premess il-Qorti tara kuntrast kbir mal-ġurisprudenza paċifika fuq żewġ punti konnessi (imma mhux identiċi) oħra ta' dritt li m'għandhomx jippreżentaw diffikoltà fil-prattika. Dawn huma: (1) ir-riferenza għall-provi fil-proċessi kriminali mhix permessa mingħajr il-kunsens tal-kontroparti, ġurisprudenza li baqgħet kostanti, għalkemm qabel forsi kien hemm xi tolleranza żejda, mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Degiorgio vs Axiak" tat-3 ta' Ottubru, 1927 (Kollez. Vol. XXVI, i, 885, vide wkoll, Appell "Agius vs Micallef" 29 ta' Jannar 1932, u Vol. XXIX, i, 511 (2) li l-atti u d-dokumenti eżistenti fir-Reġistru u fl-Arkivju tal-Qorti, bħala **atti tal-Qorti** u faċilment aċċessibili, u *komprizi* l-provi dokumentali eżistenti fi proċediment penali, m'hemmx bżonn li jiġu formalment esibiti, imma hija biżżejjed riferenza għalihom (Vol. XXVI, i, 885 fuq ċitata, Vol. XXIX, i, 811 u diversi oħrajn);

Illi s-sentenza tal-Vol. VI **Dimech vs Attard** ċitata fissentenza **Ellul - Bonnici vs Mercieca** hawn in desamina tidher li hija bbażata fuq applikazzjoni mhux korretta tal-paragrafu (f) tal-Art. 627 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dik is-sentenza irriteniet illi d-deposizzjoni ta' xhud, bħala att eżistenti fil-Qorti, tista' ssir riferenza għaliha. Din il-Qorti bir-rispett kollu hi tal-fehma li din hija interpretazjoni wisq larga tal-kelma "atti tal-Qorti". Huwa veru li d-deposizzjoni ta' xhud regolarment imdaħħla fil-proċess ċivili, hija, f'sens ġeneriku, "att tal-Qorti", imma meta l-liġi tgħid li daka l-att, bħal l-atti oħrajn

tal-Qorti ikun ammissibbili bħala prova bla ħtieġa ta' ebda prova oħra tal-awtentiċità tiegħu, ħlief dik li tidher minnu nnifsu, u jipprova l-kontenut tiegħu, sakemm ma jiġix pruvat *il-kuntrarju, dana tgħidu sempliċement għal li skopijiet* u effetti tal-prova ta' xi jkun qal dak ix-xhud individwali f'dik il-kawża partikolari fejn ikun xehed u mhux għal kawżi l-oħra kollha li jistgħu jinqalgħu fil-futur anki bejn l-istess partijiet. Hekk per eżempju jekk dak ix-xhud jiġi in segwitu proċessat fuq sperġjur, l-oriġinali tad-deposizzjoni tiegħu tista' tiġi esibita fil-proċess penali u tipprova x'qal — prima facie — jiġifieri sakemm ma jiġix pruvat li qal xi ħaġ'oħra differenti, mingħajr ma r-Reġistratur ikollu jidher biex jipprova l-awtentiċità tad-deposizzjoni kif irriżulta mill-proċess ċivili. Hekk per eżempju wkoll jekk il-kredibilità ta' xhud tkun tiġi attakkata permezz ta' "previous inconsistent statements" taħt l-Art. 585 tal-Kodiċi Proċedura Ċivili l-ewwel deposizzjoni tkun tista' tiġilu konfrontata bħala prova awtentika "prima facie" ta' l-asserzjonijiet preċedenti tiegħu. Imma hija ħaġa għal kollox differenti, u kuntrarja għall-prinċipji l-iżjed sani u l-iżjed għeżież tal-liġi tal-"evidence", li l-Qorti tippermetti lil waħda mill-partijiet taqbad u tieħu dik id-deposizzjoni u "motu proprio", mal-grado l-opposizzjoni tal-parti l-oħra, tadopera għal proċessi ċivili oħrajn, għax il-kawżi kollha huma bħala regola indipendenti minn xulxin. Kieku ma kienx hemm il-leġislatur stess ma kienx iħoss in-neċessità li jinkorpora fil-liġi tal-proċedura d-disposizzjoni eċċezzjonali ta' l-art. 796 għall-każijiet li fihom tirriżulta, u tiġi formalment dikjarata mill-Qorti il-**konnessjoni** taż-żewġ kawżi, bl-ordni konsegwenti tas-smigħ **kontestwali,** dikjarazzjoni u ordni li, kif assennatament irrileva l-perit legali, ma sarux f'dan il-każ.

Illi taħt dan l-aspett tal-kwistjoni timmilita wkoll konsiderazzjoni oħra li għandha importanza għal finijiet supremi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u tar-riċerka umana — dejjem fallibili tal-verità, ċioè li x-xhud dejjem għandu dritt jik-

koreġi ruħu u l-fatt li talvolta ikun darba fixkel il-kors tal-ġustizzja m'għandux jiġi perpetwat jekk jeżisti r-rimedju, liema rimedju jinsab preċiżament fl-opportunità ġdida mogħtija lill-parti interessata biex terġa' tisimgħu. Jekk ikun għadda ż-żmien u jkun nesa terġa' tinqralu l-ewwel deposizzjoni.

Illi l-prova testimonjali m'għandha qatt tiġi kunsidrata fuq l-istess livell bħala prova dokumentali, għax dokument darba biss jista' jitkellem u ma jistax ibiddel lilu nnifsu, mentri xhud, *anki* xhud espert (perit) *jista' jbiddel* il-versjoni jew l-opinjoni skond il-każ. Dana qiegħed jintqal peress li donnu li fis-sentenza **Ellul-Bonnici vs Mercieca** hawn taħt esami (a paġ. 495) saret xi illużjoni per analoġija għall-każ tad-dokumenti (bħal skizzi, pjanti, etc) esebiti in sedi penali. Infatti jista' jkun hemm dokumenti bħal armi, oġġetti tal-ilbies, veikoli, u elf ħaġa oħra, esibiti fil-penali li m'humiex ċertament "atti tal-Qorti" għall-finijiet tal-art. 627 (f) tal-Kodiċi Proċedura Ċivili, eppure xorta tista' ssir sempliċi riferenza, anki unilaterali, għalihom in sedi ċivili. Dana juri li jekk dana jista' jsir, kif indubbjament huwa rikonoxxut, dan mhuwiex ġej mill-forza ta' l-art. 627 (f) imma mill-aċċessibilità faċili għall-Qorti, mid-diffikoltà u kultant anki perikolu tar-rimozzjoni ta' l-oġġett u mill-fatt li r-riferenza ma tkunx tikkozza ma xi prinċipju bażilari tal-liġi li tirregola l-provi.

Illi għall-kuntrarju l-każ tar-riferenza għall-prova testimonjali eżistenti fi proċess ċivili ieħor huwa in konflitt mal-prinċipju kardinali tal-"law of evidence", konsagrat fl-art. 576 KodiċiProċedura Ċivili, illi x-xhud għandu jinstama': (1) **"viva voce"**, u (2) **"at the trial of action"**. Dan hu prinċipju li bil-ferm jissupera fl-importanza u fl-implikazzjonijiet tiegħu l-prinċipju tal-ekonomija ta' l-ispejjeż imsemmi fis-sentenza taħt eżami. Il-partijiet, **jekk huma unanimi**, jistgħu jirrikonċiljaw iż-żewġ prinċipji ma' xulxin billi **jiftehmu** li jagħmlu riferenza, imma jekk waħda minnhom ma tkunx trid,

ħadd, lanqas il-Qorti, ma tista' tikkostrinġiha toqgħod għall-prova l-antika, lanqas jekk il-kawża tkun bejn l-istess persuni għax ir-riferenza għal proċess ieħor mhix xi waħda mill-eċċezzjonijiet stabiliti mill-Kodiċi rikonoxxuti fl-art. 576 bħal, per eżempju, is-smiegħ bir-rogatorji f'pajjiż ieħor u s-smigħ ta' xhud li ser jsiefer, jew marid, jew komunkwe bil-kunsens komuni tal-partijiet, permezz ta' imħallef supplenti.

Illi hawn fuq intqal li bil-kunsens komuni tagħhom il-partijiet jistgħu jidderogaw għall-art. 576 billi jagħmlu riferenza għal deposizzjoni li għalkemm tkun saret **viva voce** ma tkunx **instemgħet at the trial of the action.** Il-proċedura ċivili, bħala parti mid-dritt pubbliku tal-pajjiż, fiha disposizzjonijiet li huma assolutament indeklinabili, e.g. il-kostituzzjoni u komposizzjoni tal-Qrati bħala manifestazzjoni tas-sovranità u oħrajn bħala, u fl-istess ħin fiha disposizzjonijiet oħra li, għalkemm ta' importanza kbira, jistgħu jiġu derogati jew estisi bil-volontà tal-partijiet, e.g. ċerti modifiki tal-ġurisdizzjoni, il-produzzjoni ta' xhieda u dokumenti ġodda. Fost dawn tal-aħħar, nonostante l-importanza kbira tiegħu, jidħol fil-prinċipju tal-art. 576, iżda għad-deroga tiegħu lanqas ma hi biżżejjed il-volontà **komuni** tal-partijiet, għax is-soġġetti tar-rapport ġuridiku proċedurali mhumiex **tnejn** (il-partijiet) imma **tlieta**, ċioè l-partijiet u l-Qorti. Għalhekk il-Qorti tista' ma tippermettix ir-riferenza, avvolja l-partijiet ikunu ftehmu fuqhom, għax hija l-Qorti li, fl-aħħar tal-kawża, trid tkun konvinta, u mhux il-partijiet, u l-komparizzjoni personali tax-xhud fil-pedana tax-xhieda u l-imġieba tiegħu hemmhekk hija waħda mill-aqwa "tests" tal-kredibilità li l-Qorti m'għandhiex faċilment tabbanduna, u barra minn dan il-Qorti hija wkoll mistennija li tesiġi l-aħjar prova (art. 558).

Illi taħt dan l-aħħar aspett huwa diffiċili biex wieħed jiddefinixxi b'eżattezza f'liema każijiet il-Qorti għandha tippermetti jew teskludi l-impostazzjoni tal-prova testimonjali minn

proċess ċivili għall-ieħor permezz ta' riferenza. Jidher ormai ċert li l-Qorti m'għandha qatt, salvo l-eċċezzjoni singolari li sejra tissemma 'l quddiem, tittollera diskostament mill-art. 576 mingħajr il-kunsens tal-partijiet kollha. Fejn ikun hemm dan il-kunsens kollox jibqa' rimess għall-prudenzjali kriterju tal-*ġudikant fid-dawl tal-preponderanza bejn l-interess tal-parti*-jiet, li għandu jkollu rispett kbir, u l-interessi tal-amministrazzjoni *tal-ġustizzja*, li huma *proprjament* supremi, u l-Qorti għandha *tibbilanċjahom kif l-aħjar tista'*.

Illi l-maġġjor attendibilità tal-argumenti fuq esposti għal dawk premessi għal preċedent *Ellul-Bonnici* vs Mercieca fuq imsemmi hija komprovata mit-termini stess ta' passaġġ importanti ta' dik is-sentenza in kwantu fl-aħħar paragrafu tagħhom (a paġ. 495) il-Qorti stess rabtet il-validità tar-riferenza maċ-ċirkostanza li, riferibilment għall-"factum probandum" il-partijiet ikunu jridu jerġgħu jinvokawh bħala fatt veru fi proċess ieħor bejniethom. Għalhekk id-"dictum" superjorment ċitat mill-istess sentenza u hemm fuq bir-rispett, deskritt bħala forsi "too sweeping" kien ikun korrett kieku kondizzjonat għall-kunsens tal-partijiet u, kif fuq intqal, tal-Qorti.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riliev l-Qorti tħoss li kwalunkwe argument rikavabili mid-Dritt Roman u mill-kommentaturi tal-perijodu tal-ġurisprudenza komuni huma ta' importanza wisq sekondarja, speċjalment fil-materja tal-"evidence" fejn il-liġi positiva patria ġiet prinċipalment modellata fuq il-prattika ingliża. Huwa veru li fl-Ingilterra ta' spiss, għal aħjar ħeffa tal-kawża u fejn is-solicitors rispettiva ma jkunux taw avviż ta' kontestazzjoni jistgħu jiġu ammessi anki deposizzjonijiet fuq "affidavit", imma dana jsir taħt "Rules of Court" speċjali li Malta għadha ma għamilna xejn bħalhom, u l-prinċipju baqa' dejjem dak tal-"viva voce at the trail of the action". Anke però mill-premessi relativi għal din il-parti tas-sentenza jidher li fil-perijodu qabel il-modifikazzjonijiet mo-

**demi kien hemm kuntratt li ma jissuffragax il-konklużjonijiet finali fiha raġġunti għax id-duttrina opposti ma kienux jaqblu ħlief fuq kwistjonijiet mhux kontroversi għall-ammissibilità per referenza ta' l-attijiet ġeneriċi ridotti mill-awtorità u tal-konfessjonijiet tal-partijiet.**

Illi dan l-aħħar riliev iwassal għal motivazzjoni oħra li tistħoqqilha konsiderazzjoni: dik ċioè jekk id-deposizzjoni tal-konvenut Saverio Vella bir-rogatorji fil-kawża ta' sgumbrament setgħetx isservi bħala prova f'din il-kawża anki a rikjesta tal-attriċi biss u mingħajr, anzi kontra, il-volontà tal-konvenut nomine. Il-perit legali ma qal xejn fuq din l-ipotesi u. għalkemm mill-paragrafu 11 tar-relazzjoni tiegħu jidher li huwa, konformement mal-prinċipji hawn fuq esposti, ma kienx *jikkunsidra din il-prova mingħajr l-adesjoni tal-konvenut* nomine, illimita ruħu għall-indaġini jekk, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni espressa ta' adesjoni mill-parti tal-konvenut, kienx hemm motiv suffiċjenti biex l-istess adesjoni tiġi konstata "per *impliciter*", *indaġini dwarha spiċċa biex irrelata fa*vorevolment.

Illi l-Qorti waqt li tissimpatizza mal-veduta espressa mill-perit legali *dwar* l-adesjoni *impliċita* tal-konvenut nomine, fiċ-ċirkostanzi ġenerali tal-każ, u b'mod partikolari mħabba xi dubji li jistgħu jiġu trattenuti fis-sens li dik l-adesjoni, fl-aħjar ipotesi, tibqa' dejjem ekwivoka, tippreferixxi, li tammetti r-riferenza, mhux fuq l-adesjoni tal-konvenut nomine, imma fuq il-bażi iżjed żgura li l-atturi kellhom dritt anki **unilateralment** jagħmlu riferenza għad-deposizzjoni tal-konvenut Saverio Vella **in bażi għall-art. 693 tal-Kodiċi Proċedura Ċivili** li jiddisponi li "any admission of a fact, whether written or verbal, made in or out of Court, may be recieved in evidence against the party who made it" u li "in all cases only such part of an admission as the Court may deem worthy of credit shall constitute evidence". F'dan ir-rispett id-deposizzjoni fl-

ewwel proċess ċivili ta' waħda mill-partijiet tat-tieni proċess għandha għalhekk tinżamm distinta minn dik ta' xhud li ma jkunx parti *fil-kawża u hija produċibili;* **bħala** dokument li jinsab fl-atti tal-Qorti, b'sempliċi riferenza, salva l-forma li dina għandha tassumi, u dana indipendentement mill-adesjoni tal-parti l-oħra, għax f'dan l-aħħar każ ir-riferenza tkun sostitutiva għall-produzzjoni materjali tax-xhud, mentri **fil-każ** taħt l-art. 693 ir-riferenza tirrigwarda d-**dokument** i.e. il-verbal tad-deposizzjoni, **bħala tali.**

Illi hemm ukoll motiv ieħor li fuqu s-sustanza tal-kontenut tad-deposizzjoni in kwistjoni, jekk mhux id-deposizzjoni stess, setgħet tiġi użata qalb il-materjal probatorju ta' din il-*kawża. Dan huwa l-fatt li xi partijiet ta' dik id-deposizzjoni* ġew, bħala riżultat tagħha u tad-deliberazzjoni tal-Qorti, inkorporati fis-sentenza tal-kawża ta' l-iżgumbrament. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Xuereb utrinque" (Kollez. Vol. XXXVII, i, 411) segwita minn din il-Qorti l-istess presjeduta **f'Sciortino utrinque** (23 ta' Ġunju, 1964), għallmet li l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definitiv. Huwa veru li dawn il-preċedenti huma ta' proċessi sussegwenti kollha ta' separazzjoni personali, imma lanqas ma jista' jingħad li, fihom il-meritu kien identiku għax **fi Xuereb utrinque** l-ewwel **kawża,** li kienet għad-domanda tas-separazzjoni, kienet promossa b'insuċċess mill-mara fuq ċertu aggravju, it-tieni kawża kienet saret mir-raġel għad-dekadenza tal-mara mill-alimenti, u hu rebaħ, mentri *t-tielet kawża (dik li fiha d-deċiżjoni in parola)* saret mir-raġel fuq aggravju ieħor. L-istess jista' jingħad għal **Sciortino utrinque.** Kwindi **l-meritu** m'hemmx bżonn li jkun identiku, anzi rarament jista' jkun, hekk, cioè biss fil-każijiet ta' xi liberazzjoni "ab observantia" mħabba xi eċċezzjoni ritwali, għax inklelè ikun hemm l-ostakolu tar-"res judicata". F'dan il-każ il-partijiet ta' din il-kawża kienu

wkoll partijiet fl-ewwel kawża u l-meritu huwa intimament konness. Għaldaqstant il-Qorti għandha l-fakoltà u bħala kellu l-perit legali salva għat-tnejn il-kwistjoni l-oħra tal-forma tar-riferenza (li għad trid tiġi deċiża) li tieħu in konsiderazzjoni dawk il-partijiet tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 1959, li ma humiex sempliċi riepilogu tal-versjonijiet konfliġġenti tax-xhieda imma jikkostitwixxu veri u proprji "findings of facts" u li minnhom jemmerġu, bħala fatti ġudizzjarjament konstati (u għalhekk mhux iżjed kwistjoni ta' importazzjoni ta' prova testimonjali minn proċess ċivili għall-ieħor).

(1) li fil-perjodu immedjatament wara l-bidu tal-lokazzjoni favur l-attriċi l-konvenut Saverio Vella kien qiegħed jippretendi li hu l-kunduttur; dan il-fatt del resto, sata' jiġi konstatat anki minn riferenza għan-nota ta' eċċezzjonijiet biss, imma jikkostitwixxi "molestia di diritto" ekwivalenti għal din il-kawża.

(2) li f'Settembru, 1954 il-konvenut Saverio Vella ħalla lil ibnu (l-konvenut nomine) fir-raba in kwistjoni (paġ. 6 tal-kopja esibita);

(3) li f'dak iż-żmien il-konvenut Saverio Vella kien ġa telaq il-lokazzjoni (paġ. 7 ibid);

(d) li l-istess konvenut siefer minn Malta f'Settembru, 1954 (paġ. 8 ibid).

(e) li l-istess konvenut meta siefer ma kellu ebda intenzjoni li jżomm ir-raba bi qbiela permezz ta' ħaddieħor (paġ. 8 ibid);

(f) li dan nonostanti huwa, sad-data tas-sentenza, kien baqa' jokkupa r-raba bla titolu (fol. 10 ibid).

Għal dawna r-rağunijiet il-Qorti tiddikjara (a) li x-xhieda mogħtija mill-konvenut Saverio Vella bir-rogatorji kienet riċevibili *in prova* taħt l-art. 693 Kodiċi Proċedura Ċivili u (b) li l-fatti konstatati fis-sentenza tal-kawża tal-iżgumbrament, limitatament għal dak fuq elenkati, kienu wkoll ammissibili bħala prova; salva l-kwistjoni tal-forma tar-riferenza jew esibizjoni li issa sejra tiġi eżaminata;

Ikkunsidrat:—

Illi l-kwistjoni ta' forma fuq prospettata tinqasam f'żewġ kapi, waħda li tirrigwarda d-deposizzjoni u l-oħra s-sentenza. Jiġi imfakkar li l-Qorti ammettiet ir-riferenza għad-deposizzjoni bħala konfessjoni ġudizjali tal-konvenut u għalhekk bħala sempliċi dokument faċilment aċċessibbili fil-Qorti stess u kwindi tant għal dan id-dokument kemm għas-sentenza ma kienx hemm bżonn l-adesjoni tal-partijiet għax ebda xhud ma hu qed jiġi esentat milli jixhed *viva voce* fis-smiegħ tal-kawża, imma si tratta unikament ta' esibizzjoni ta' dokumenti. Dana qiegħed jintqal għax fil-fehma tal-Qorti r-riferenza għad-deposizzjoni ta' xhud ordinarju, hija ħaġa ferm distingwibili mir-riferenza għal dokument *ut sic*. in kwantu l-ewwel waħda hija ekwipollenti għall-produzzjoni ta' xhud li ma jixhedx *viva voce* fil-kawża stess, mentri t-tieni waħda mhix ħlief mezz, li ma tikkożżax ma' ebda prinċipju, biex jiġu evitati l-inkonvenjenti u spejjeż ta' esibizzjoni ta' dokument ġa faċilment aċċessibili għall-Qorti u għall-parti l-oħra, u li din tkun ġa taf bih stanti l-preżenza tagħha fl-ewwel kawża.

Illi l-kwistjoni tal-forma tar-riferenza għal dokumenti eżistenti fl-atti tal-Qorti hija wkoll koinvoltà ma dik ta' li stadju li fiha tista' ssir. Hawnhekk jidħol in applikazzjoni l-art. 679 Kodiċi Proċedura Ċivili għax il-perit legali kellu l-fakoltà jisma xhieda u jirċievi dokumenti, imma r-riferenza fih kontenuta għall-art. 206 stante li, għar-rağuni premessa,

il-każ ma jittrattax minn produzzjoni ta' xhud jew riferenza ekwipollenti, issir irrilevanti. Kwindi jibqa' l-art. 149 relativ għad-dokumenti. Ir-riferenza għal dan l-artikolu, nonostanti t-tiswija fih tal-art. 125, 134, 137 u 144 mhix biss għall-proċedura kif ir-riferenza għall-art. 206, mhix għal li stadju tal-appell biss, għax kieku kien hekk il-kamp tal-applikazzjoni art. 679 *jiġi illoġikament ristrett imma għall-ipotesijiet li jistgħu* jivverifikaw ruħhom quddiem kwalunkwe Qorti, kollox sew li tassativament indikati, kontemplati fid-diversi paragrafi ta' dawk iż-żewġ deposizzjonijiet fih imsemmija. Issa kwantu għas-sentenza l-attriċi ma kkontentawx b'sempliċi riferenza imma esibew kopja awtentika tagħha permezz ta' nota presentata mid-difensur tagħhom fl-udjenza tat-28 ta' April, 1965, *jiġifieri* anke qabel it-trattazzjoni finali. Huwa ċar li ġie drabi oħra hekk deċiż, li diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti mid-disposizzjoni tal-art. 149(b) i.e. kull meta jkun jidhrilha li l-produzzjoni tad-dokument; hija "neċessarja jew utili", ma tfisserx, *li l-Qorti għandha tuża din il-fakoltà biex tikkolma l-*lakuni fil-provi dovuti gan-nom kuranza tal-partijiet produċenti imma f'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li ebda ħtija anki a.-tribwibbili lill-attriċi jew lid-difensur tagħhom għax fl-istadju quddiem il-perit legali, meta huma, pjuttost solleċetament, al-menu a paragun mal-konvenut, iddikjaraw li f'dak li stadju ma kellhomx provi oħra x'iġibu (seduta tat-8 ta' Ġunju, 1962, fol. 59) huma *kellhom dritt jistennew il-provi tal-parti* l-oħra, kompriża d-deposizzjoni tal-konvenut bir-rogatorji, sia b'riferenza għal dik li kienet saret sia ġdida — li d-difensur tiegħu kien ipprometta li ser jagħmel sa mis-seduta tas-17 ta' April, 1956 (fol. 29). Verbali bħal dawn suppost *li* jsiru bis-serjetà u jibqgħu jorbtu sakemm ma jiġux ritirati. Mentri għal kuntrarju jirriżulta li għalkemm fl-imsemmija seduta tat-8 ta' Ġunju, 1962. quddiem il-perit id-difensur tal-konvenut kien irriserva li jġib il-provi tiegħu — kompriża presumibilment l-imsemmija deposizzjoni bir-rogatorji — meta l-partijiet in segwitu ġew għall-ewwel darba quddiem il-Qorti (udjenza tat-3

ta' Ottubru, 1962 *fol.* 47) *id-difensur tal-konvenut* illimitu ruħu biex jipprometti li sejjer jagħti risposta lill-perit legali jekk għandux risposta *jew le*, promessa li *ma żammx*, almenu skond ma jirriżulta mill-verbali, tant li fil-25 ta' Ottubru, 1962 (*fol.* 48) il-Qorti għall-ewwel darba ordnat lill-perit biex jipproċedi fuq il-provi li kellu, u mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1963 (fol. 49) jirriżulta li l-perit legali ma kien irċeva ebda informazzjoni oħra mid-difensur tal-konvenut, tant li l-Qorti reġgħet ordnat lill-perit legali jipproċedi għar-relazzjoni. *Milli jidher mill-fol.* 59 *tal-proċess il-perit legali* ried jagħti kwalunkwe opportunità lid-difensur tal-konvenut iżomm il-promessa li *xi darba* jinformah jekk għandux provi jew le, tant li iffissa żewġ seduti oħra, waħda għat-18 ta' Frar, 1963 li ġiet mħassra bi ftehim taż-żewġ difensuri, u oħra għas-27 ta' Frar, 1963, fejn naturalment kien ikun jista' jsir l-aħħar sforz suprem biex id-difensur tal-konvenut jiġi persważ jiddikjara ruħu hux se jġib provi jew le u *allura* d-difensur tal-atturi kien ikollu opportunità jirregola ruħu "seduta stante", imma din is-seduta *ġiet imħassra mingħajr* akkordju mal-parti l-oħra mid-difensur tal-konvenut għal raġunijiet tal-uffiċċju *tiegħu*, tant li l-perit kellu jieħu l-briga hu biex dik in-nhar stess tas-seduta, fil-għodu, jinforma lid-difensur tal-attriċi. Imbagħad ma sarux seduti aktar mal-perit, u dan, in obbidjenza għall-Qorti, ipproċeda għar-relazzjoni fuq il-provi li kellu li ppreżenta sew sew tlett ġimgħat wara (fol. 51, 52).

Illi l-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-atturi u d-difensur tagħhom kienu skusabili u ġustifikati li jippreżentaw in-nota għall-esibizzjoni tal-kopja tas-sentenza meta l-kawża waslet għat-trattazzjoni finali, u ċertament ma hemmx dubbju li dan id-dokument huwa utili għall-aħjar istruzzjoni tal-każ. Ma jirriżultax li l-preżentazzjoni ta' dan id-dokument f'dak li stadju ikkaġuna xi spejjeż żejda.

Illi relattivament għal li stadju tar-riferenza għad-depożizzjoni bir-rogatorji, jirriżulta li l-attriċi Anni Cuschieri irriferiet għaliha — *dan għalissa qed jingħad salva l-kwistjoni* tal-forma — sa mis-seduta tad-9 ta' Frar, 1960 quddiem il-perit stess (vide fol. 57 għall-verbal a fol. 77 għall-opinjoni favorevoli tal-perit). Għalhekk anke kieku r-riferenza kienet din biss, li stadju ma jippreżentax diffikoltà taħt l-art. 679.

Illi, dejjem relattivament għal li stadju ta' qabel ir-relazzjoni, jirriżultaw almenu tlett verbali (20 ta' Marzu, 15 ta' April u 21 ta' Mejju, 1957, fol. 32 u 33) fis-sens li din il-kawża hija konnessa mal-kawża tal-iżgumbrament, fejn eventwalment saret dik id-deposizzjoni, jew "tista' tiddependi" *mill-eżitu tagħha. Jekk dawn il-verbali dettati mill-Qorti stess* jikkostitwixxu riferenza, jekk mhux għall-provi kollha ta' dik il-kawża almenu għad-deposizzjoni in kwistjoni, peress li saru wara d-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut fis-sens li kien sejjer jitlob ir-rogatorji (fol. 29), allura il-kondizzjoni ta' li stadju tat l-art. 679 tibqa' wkoll soddisfatta mingħajr neċessità ta' rikors għall-art. 149(b).

Illi, barra minn dan, kif jirriżulta mill-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' April, 1965 id-difensur tal-atturi reġa' għamel riferenza għad-depożizzjoni tal-konvenut verbalment waqt it-trattazzjoni tiegħu. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġustifikazzjoni tar-riferenza f'dan li stadju i.e. wara r-relazzjoni tal-perit u indipendentement mill-kwistjoni tal-forma, għandhom japplikaw l-istess raġunijiet imsemmija iżjed 'il fuq f'din is-sentenza riferibilment għall-esibizzjoni tal-kopja tas-sentenza tal-istess kawża fejn saret din id-deposizzjoni.

Illi kwantu għall-forma tar-riferenza huwa veru li hemm xi sentenzi li jżommu riferiment permezz ta' nota imma dawn x'aktarx jassumu milli jiddeċiedu li l-formalità tan-nota hija rikjesta u f'dan ir-rigward jirriflettu pjuttost dak li jsir fil-prat-

tika milli xi formalità rikjesta mil-liġi taħt xi piena. Fil-fatt r-rifeernza għal dokument jew att eżistenti qalb l-atti tal-Qorti mhix ħlief talba biex il-Qorti ħok ma teżiġi l-esibizzjoni tiegħu, iġġib li stess dak id-dokument quddiemha. Bħala tali l-forma tagħha mhix regolata mil-liġi u konsegwentement tibqa' libera li tista' ssir b'rikors, b'nota jew anke fil-fomm, u f'dan l-aħħar każ tista' ssir tant mid-difensur kemm mill-parti waqt ix-xhieda tagħha, u lanqas ma hemm bżonn li tiġi użata xi forma speċjali ta' kliem, imma huwa suffiċjenti li tintwera l-intenzjoni ta' dik il-parti (jew personalment jew kif rappreżentata mid-difensur) li tirriferixxi għad dokument in kwistjoni. Li lanqas ma hemm bżonn li jitniżżel verbal tagħha għalkemm ikun ċertament aħjar "ad futuram rei memoriam" li dan isir, għax għalkemm ir-Reġistratur għandu jieħu notament ta' kull talba bil-fomm ta' xi att jew proċedura li jista' jintalab bil-fomm, u għalkemm dan in-notament — meta jsir — jikkostitwixxi prova awtentika tal-fatt li din it-talba tkun saret u tal-identità ta' min għamilha, l-ewwel rekwiżit mhuwiex rikjest mil-liġi (art. 59 Kod. Proċ. Ċiv.) taħt piena ta' nullità, u l-fatt li tonqos il-prova awtentika ma jeskludix li dik it-talba tiġi ppruvata iżjed tard bil-mezzi kollha premessi mil-liġi. Issa f'dan il-każ ir-riferenza li saret fix-xhieda tal-attriċi tinsab verbalizzata mill-perit legali stess (fol. 57) u riferenza wafft it-trattazzjoni tirriżulta mill-verbal tat-28 ta' April, 1965, u t-tlett verbali fuq imsemmija li jirriferixxu għall-konnezzjoni jew dipendenza bejn iż-żewġ kawżi huma, fil-fehma tal-Qorti, rifeenza suffiċjenti, fid-dawl tar-raġunijiet premessi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, għal din id-deposizzjoni bħala dokument ut sic, għalkhemm mhux wkoll għall-provi testimonjali fil-kawża l-oħra. Fil-fehma tal-Qorti kwalunkwe konklużżjoni kuntrarja tkun trid tiġi motivata fuq formaliżmu sproporzjonat tant għaż-żminijiet li aħna fihom kemm għall-ispirtu tal-liġi dwar att li, fl-aħar mill-aħħar mhu regolat minn ebda disposizzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li l-atturi għam-

lu riferenza adegwata għad-deposizzjoni u sentenza superjorment dikjarati ammissibili in prova.

OMISSIS:

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, fermi d-dikjarazzjonijiet dwar il-provi kontenuti fil-korp ta' din is-sentenza, u prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali safejn mhix inkonsistenti mal-preżenti, taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi teskludi d-domanda tar-responsabilità għad-danni salvi favur tagħhom irriservi fuq imsemmija, mentri in vista tal-esklużżjoni tal-ewwel domanda tiddikjara li ma hemmx lok għal konjizzjoni taddomandi tal-likwidazzjoni u pagament tad-danni. L-ispejjeż jitħallsu fil-mod segwenti, dawk relativi għall-eċċezzjoni talvessatorjetà u intempestiva u dawk relativi għad-dikjarazzjonijiet dwar il-provi jitħallsu mill-konvenut nomine, u dawk relativi għall-meritu jitħallsu mill-atturi.